# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 35*

***10 ta' Jannar 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *35.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

34.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## *35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

35.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

35.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-ġiet magħżula kumpanija privata u professjonali fuq is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol sabiex issir ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar dak li hemm bżonn li jsir min naħa tal-Kunsill f'dan ir-rigward kif ġie miftiehem fis-seduta ta' qabel. Il-kumpanija magħżula hija AME u r-rapport ser ikun jiswa €350.

35.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li malli ssir il-bankina ta' Triq Azzopardi, wara ser ikunu ser isiru l-konok ukoll sabiex ix-xogħol kollu f'din iż-żona jkun komplut.

35.3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono f'isem il-Membri kollha tal-Kunsill wassal il-kondoljani lill-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit minħabba t-telfa ta' membru tal-familja tiegħu. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit irringrazzja lill-Kunsill ta' dan il-ġest f'mument f'diffiċli.

35.3.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar lil-Kunsilliera preżenti li l-Ħamis 17 ta' Jannar ser ikollna l-attivita' tat-tfal fl-10 ta' filgħodu kif ukoll fuq ir-riċeviment tal-Pulizija filgħaxija, li għal dan ir-riċeviment saret ordni għal 40 persuna bħala catering.

## *35.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

35.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-bozoz ta’ Triq Feliċjan Bilocca nbidlu f-LEDs. Għaldaqstant, talab jekk huwiex possibli li l-bozoz tat-Triq kollha sa ħdejn il-BOV jinbidlu wkoll. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan ser isir.

35.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jesprimi fuq nota pożittiva li l-bozoz kollha ta’ quddiem il-Knisja tat-Trinita’ inbidlu. Apparti hekk semma ukoll fuq it-tindif li qed isir Triq Belt il-Ħażna. Is-Sindku s-Sur Francis Debono rringrazzjaħ talli semma dawn ix-xogħolijiet li twettaq dan l-aħħar mill-Kunsill. Is-Sindku nforma li l-Kunsill qabbad lis-Sur George Axisa biex ikun jista’ jeżegwixxi dan it-tindif b’mod urġenti peres li kellna diversi talbiet biex dan it-tindif isir.

Is-Sur Frank Zammit daħal fis-seduta fis-6.30pm.

35.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa x’sar minnhu l-proġett ta’ Qormi Road ma Isouard. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan il-proġett waqa’ ftit lura peres li għandhom isiru xi surveys u jingħata lill-kuntrattur peress li ż-żona qegħda fil-*buffer zone* li jistgħu jinstabu xi fdalijiet antiki. B’hekk ser ikun hemm bżonn li dan il-kuntratt jiġi estiż sakemm jitlesta l-proġett.

## *54.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti*

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *35.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

35.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għamel kommunikat mall-produtturi tal-Programm “Illum ma Steph” li jintwera fuq PBS fejn il-ħsieb hu li l-Kunsilli jkollhom ħin ta’ kwarta fil-ġimgħa fejn matula jiġi mogħti aktar viżibilta’ x-xogħol li jagħmlu l-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni qasira l-Membri tal-Kunsill qablu li huwa ħsieb tajjeb jekk il-Kunsill japplika biex jiġi mistiedem fil-programm. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

35.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsill Malti għas-Settur Voluntarju jixtieq li jiltaqa’ ma l-għaqdiet u jinfurmahom bl-opportunitajiet li jeżistu għas-settur tal-volontarjat. Il-laqgħat isiru kull nhar ta’ Tnejn fis-6.00pm. Il-Kunsilliera qablu li l-għaqdiet tal-lokal ikunu infurmati b’dan. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

35.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li minn Frar l-Universita’ ser tiftaħ tlettax-il kors li jwassal għal ċertifikat ffil-Qari tal-Provi bil-Malti. Dan il-kors ser

ikun fuq bażi part-time u jdum sena. Is-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi jistgħu japplikaw għal dan il-kors.

35.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadda fil-kont tal-Kunsill l-ewwel tranche ta' l-allokazzjoni finanzjarja għaas-sena 2018. Min din l-allokazzjoni qed jitnaqqas l-ammont indikat fil-lista annessa mas-servizz tal-Mita tal-Kunsill Lokali.

## *35.7 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekkutiv*

35.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li s-Segretarju Eżekutiv jingħata l-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot favor kien unanimu.

## *35.8 Proposta mill-Każin tal-Banda Trinita' Qaddisa*

35.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq proposta mill-Każin Banda Trinita' Qaddisa għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Dan hekk kif il-Kazin Banda Trinita' Qaddisa tixtieq tagħmel monument lill-ex President tal-Każin u l-ex Editur tal-Orizzont is-Sur Anton Cassar. Dan il-bust huwa mistenni li jkun jiswa €4000 u l-Każin tixtieq li tidħol bi sħab mall-Kunsill sabiex bl-għajnuna tal-Kunsill dan il-proġett jitwettaq. Il-Kunsilliera qablu ma din id-deċizjoni li l-Kunsill għandhu jgħin u jkun sieħeb mall-Każin sabiex din il-persuna tkun imfakkra kif jixtraq. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-qbil favur kien wieħed unanimu.

## *35.9 Bdil ta' Parti mill-Bankina ta' Triq Bajjada*

35.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li parti mill-bankina ta' Triq Bajjada għandha xi ħsarat li hemm bżonn jissewwew. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk tistgħax tissewwa parti mill-bankina ta' Triq Qormi faċċata tal-fabbrika biex b'hekk il-bankina kollha tkun kompluta. Is-Sindku wieġbu li dik il-parti tan-naħa tal-fabbrika hija lesta u kull ma jonqos sa fejn jaf hu hija biċċa zgħira mill-ex-showroom tar-Reġina Auto Dealer u jaħseb li din m'għandiex tkun problema biex tinbidel. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *35.10 Noffru r-Residenti jieħdu ħsieb qasrija ħdejn il-bieb tagħhom*

35.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li bħala parti mill-proġett tal-Urban Greening il-Kunsill lest ipoġġi qasrija quddiem dawk ir-residenti li jkunu jixtiequ jieħdu ħsiebha. Eżempju tajjeb ta' fejn din tista' ssir hija fejn il-Housing Estate u li jiġu mħawla pjanti indiġeni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill jemmen li qabel ma din issir in-nies iridu jiġu infurmati bi flyer sabiex wieħed jara x'interess hemm fi proġett bħal dan. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *35.11 Bdil ta' pots li hemm fuq il-bankina ta' Triq Balbi*

35.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li l-qsari li hemm ħdejn il-Paroċċa tat-Trinita' jinbildu sabiex isiru kollha stil wieħed u tkompli tisbieħ il-pjazza. Apparti hekk hemm pots ukoll ħdejn il-Kunvent ta' Marija Reġina li jridu jinbidlu. Il-Kunsilliera qablu li għandhu jkun hemm simetrija ikbar u b'hekk tkun ideja tajba li dawn ikunu stil wieħed. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *35.12 Dustbins tal-Klieb*

35.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jixtieq iressaq proposta sabiex jitwaħħlu bins tal-klieb fi ftit żoni madwar il-lokal. Hawnhekk il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-postijiet idejali fejn dawn jitwaħħlu huma ħdejn il-Knisja taħt it-telgħa, Triq is-Salib tal-Marsa u Triq Patri Feliċjan Bilocca qabel ma tidħol għall-ġnien. Is-Sindku madanakollu spjega li għal bidu ikun aktar għaqli li jitwaħħlu ftit bi prova jekk humiex ser jiġu użati kif sippost, hekk kif wieħed irid jiftakar li kull bin jiswa bejn €140 u €170. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur li jitwaħħlu ftit bins fiż-żoni ta' ħdejn il-ġonna kien wieħed unanimu.

## *35.13 Attivita' tal-Karnival*

35.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jressaq fuq il-mejda l-informazzjoni li għandhu dwar il-programm tal-karnival fil-lokalita' għal din is-sena. Il-Kunsilier s-Sur Dominic Spencer qal li l-attivita' ta' filgħaxija talmhux iktar min €700, il-kumpanija Big Friends Google Band ser tkun qed tieħu ħsieb l-andament tal-programm għall-prezz ta' €1,150, is-sfin ser ikun jiswa €700 filwaqt li l-karru u l-maskaruni ser ikunu jiswew €100 u €400 rispettivament. Dik il-persuna li jkollha l-aqwa kostum spontanju ser tingħata premju zgħir ta' tifkira. Ser ikun hemm bżonn ta' mobile toilets u bżonn ta' sitt uffiċjali tal-Pulizija sabiex iżommu l-ordni fl-attivitajiet. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ssekonda filwaqt li l-vot favor li jkun hemm dan l-infieq għall-karnival fil-lokalita' kien wiehed unanimu.

35.13.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li liskola ser tkun qed torġanizża Karnicval għat-ttfal tal-iskola filgħodu. Hawnhekk huwa qal li jkun xieraq jekk tingħata għajnuna lill-iskola peres lis-surmast qed jitlob lill-Kunsill dwar il-possibilita' li ngħinuħ fis-servizz ta' magician. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *35.14 Financial Committment Report Ottubru – Diċembru 2017*

35.14.1 Dan ir-rapport ma tlestiex u ser ikollu jitella seduta oħra peres li l-accountant tal-Kunsill kienet indisposta.

## *35.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

34.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 7.15pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Frar 2018 fil-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 21 ta' Frar 2018